# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/170/PESK

## tal-21 ta' Marzu 2011

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX - IRAQ

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28 u 43(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-7 ta' Marzu 2005, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2005/190/PESK dwar il-Missjoni Integrata tal-Unjoni Ewropea tal-Istat tad-Dritt għall-Iraq, EUJUST LEX [1]. Dik l-Azzjoni Konġunta, kif sussegwentement emendata u estiża, skadiet fit-30 ta' Ġunju 2009.

(2) Fil-11 ta' Ġunju 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/475/PESK [2] li kompliet l-EUJUST LEX għal 12-il xahar ieħor sat-30 ta' Ġunju 2010 u li pprevediet li matul dan il-perijodu l-EUJUST LEX kellha tibda fażi pilota ta' attivitajiet fl-Iraq.

(3) Fl-14 ta' Ġunju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/330/PESK [3] li kompliet l-EUJUST LEX għal 24 xahar ieħor sat-30 ta' Ġunju 2012 u li pprevediet li matul dan il-perijodu l-EUJUST LEX - IRAQ għandha tressaq b'mod progressiv l-attivitajiet u l-istrutturi rilevanti tagħha lejn l-Iraq, b'attenzjoni partikolari fuq it-taħriġ speċjalizzat, waqt li żżomm l-attivitajiet ta' barra l-pajjiż kif adatt.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK ipprevediet għal ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-infiq relatat mal-EUJUST LEX-IRAQ għall-perijodu mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Ġunju 2011. Dan l-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jiżdied biex jiġu koperti l-ħtiġijiet operazzjonali tal-Missjoni u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ.

(5) Il-mandat tal-Missjoni qiegħed jitwettaq f'kuntest ta' sigurtà li jista' jiddeterjora u li jista' jimpedixxi l-ksib tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat.

(6) L-istruttura ta' kmand u kontroll tal-Missjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà kuntrattwali tal-Kap tal-Missjoni lejn il-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Missjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 11(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/330/PESK huwa b'dan sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri l-infiq relatat mal-Missjoni bejn l-1 ta' Lulju 2010 u t-30 ta' Ġunju 2011 għandu jkun ta' EUR 22 300 000.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Marzu 2011.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
C. ASHTON

[1] ĠU L 62, 9.3.2005, p. 37.
[2] ĠU L 156, 19.6.2009, p. 57.
[3] ĠU L 149, 15.6.2010, p. 12.